MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 204/2012

**Joseph Cauchi (ID 602057M) u martu**

**Luiga Cauchi (ID 320059M)**

**VS**

**Untours Insurance Agents Limited (C-5655)**

**u Keith Richard Schembri**

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors mressaq mir-rikorrenti fit-27 ta'Frar 2012, li jaqra hekk:

*"Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-vettura tal-marka Renault Megane numru tar-registrazzjoni FBV 872 –GALAXY liema vettura kienet originarjament assikurata "third party, fire and theft" mas-socjeta' konvenuta bhala agent ta' tas-socjeta'estera QIC International L.L.C.*

*Illi r-renova tal-licenzja ta' din il-vettura isehh f'Gunju ta' kull sena.*

*Illi fil-bidu tas-sena 2011 ir-rikorrenti talbu lis-socjeta' intimata jirrenovaw il-licenzja tal-vettura de quo jassikuraw l-istess vettura "fully comprehensive" u dan billi batu lill-binhom Elton Cauchi l-ufficju tal-kumpanija intimata. L-intimat l-iehor, Keith Richard Schembri, li jahdem fl-ufficju tal-kumpanija intimata, irceva l-istruzzjonijiet imsemmija, accetthom u talab lil Elton Cauchi il-hlas tal-licenzja u l-premuim relattiv ghal kopertura "fully comprehensive" liema premium u hlas tal-licenzja thallas permezz ta' cheque.*

*Illi fis-17 ta' Lulju 2011 l-imsemmija vettura kienet involuta f'incident stradali u garbet hsarat kbar tant li giet certifikata irreparabbli.*

*Illi meta r-rikorrenti marru jaghmlu il-claim relativa mas-socjeta intimata skoprew illi bl-aktar mod abbusiv l-intimat Keith Richard Schembri ma kienx la irrenova il-licenzja u lanqas assikura l-vettura de quo "fully comprehensive" u kien biss wara li gie rappurtat l-incident stradali imsemmi li effettwa l-assikurazzjoni fully comprehensive u hallas il-licenzja tal-vettura.*

*Illi meta r-rikorrenti talbu lil-intimati jaghmlu tajjeb ghall-hsarat sofferti mir-rikorrenti fl-incident stradali fuq imsemmi, dawn irrifjutaw.*

*Illi b'dan l-agir tal-intimati ir-rikorrenti spiccaw skoperti minghajr assikurazzjoni "fully comprehensive" b'danni konsegwenzjali ingenti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi ghal dawn id-danni huma responsabbli l-intimati.*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi l-esponenti jafu personalment bil-fatti fuq esposti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara illi fil-bidu ta' Gunju 2011 ir-rikorrenti taw struzzjonijiet lis-socjeta' intimata sabiex jassikuraw fully comprehensive il-vettura taghhom FBV 872 –*

*GALAXY liema istruzzjonijiet gew accettati mis-socjeta' intimata u intalab il-premium relattiv.*

2. *Tiddikjara illi il-vettura de quo ma kenitx assigurata fully comprehensive fil-jum tal-incident stradali imsemmi htija tal-intimati.*

3. *Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-fatt li fil-mument tal-incident stradali de quo il-vettura imsemmija ma kienitx assikurata fully comprehensive.*

4. *Tillikwida id-danni sofferti mir-rikorrenti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.*

5. *Tikkundanna lil-intimati solidament, jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti id-danni hekk likwidati.*

*Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta'Dicembru 2011 kontra l-intimati ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati;

Rat ir-risposta guramentata ta' Keith Richard Schembri tal-20 ta' Marzu 2012 (a fol. 22) li taqra hekk:

1. *Preliminarjament l-eccipjent mhux il-legittimu kuntraddittur stante li fil-konfront tal-hrug tal-polza ta' Assikurazzjoni mertu ta' din il-kawza huwa dejjem agixxa ghal u fuq struzzjonijiet tas-socjeta' Untours Insurance Agents Ltd. u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju .*

2. *Bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-vettura n kwistjoni GALAXY E ma kienet involuta f'ebda incident tat-traffiku fis-17 ta' Lulju 2011.*

3. *Bla pregudizzju ghas-suespost l-polza li nharget fuq il-vettura de quo harget skond u kif trid il-ligi.*

4. *Illi fil-perjodu indikat l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GALAXY E kienet inxurjata Third Party Fire & Theft kif jirrizulta mid-Dok A hawn anness.*

5. *Illi l-kopertura comprehensive bdiet topera mill-1 ta' Awissu 2011 kif jirrizulta mid-Dok B hawn anness.*

6. *Illi dwar dan l-atturi odjerni u s-sewwieq kienu ben konxji.*

7. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-intimat ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjes.*

8. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.”*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Keith Richard Schembri (a fol. 23);

Rat ir-risposta guramentata ta’ Untours Insurance Agents Limited tal-20 ta’ Marzu 2012 (a fol. 35) li taqra hekk:

1. *It-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-vettura n kwistjoni GALAXY E ma kienet involuta f'ebda incident tat-traffiku fis-17 ta' Lulju 2011.*

2. *Bla pregudizzju ghas-suespost l-polza li nharget fuq il-vettura de quo harget skond u kif trid il-ligi.*

3. *Illi fil-perjodu indikat l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GALAXY E kienet inxurjata Third Party Fire & Theft kif jirrizulta mid-Dok A hawn anness.*

4. *Illi l-kopertura comprehensive bdiet topera mill-1 ta' Awissu 2011 kif jirrizulta mid-Dok B hawn anness.*

5. *Illi dwar dan l-atturi odjerni u s-sewwieq Elton Cauchi kienu ben konxji.*

6. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-intimat ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjes.*

7. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."*

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Untours Insurance Agents Limited (a fol. 36);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti Joseph u Luiga konjugi Cauchi tat-18 ta' Dicembru 2014, (a fol. 147 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Untours Insurance Agents Limited (C5655) u Keith Richard Schembri tat-30 ta' Jannar 2015, (a fol. 159 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta u precizament mix-xhieda ta' Christina Farrugia a fol. 45 et seq., jirrizulta li hija kienet tokkupa l-inkarigu ta'*administrative officer* fi hdan Banif Bank. Murija c-*cheque* No 354033 ta' Elton Cauchi mahrug fuq Banif Bank pagabbli lil Keith Richard Schembri fl-ammont ta' €1075.50, Farrugia kkonfermat illi dan gie msarraf u depozitat il-Bank of Valletta (BOV) fis-27 ta'Gunju 2011 u kkonfermat c-*cheque* illi jidher a fol. 43.

Fl-affidavit ta' Joseph Cauchi a fol. 50, jirrizulta illi huwa s-sid tal-vettura Renault Megane numru FBV 872, b'targa personalizzata Galaxy E, misjuqa mit-tifel tieghu Elton Cauchi.

Huwa xhed illi fil-bidu ta' Gunju 2011, kienu ddeciedew li l-vettura kellha tigi koperta b'assigurazzjoni shiha u komprensiva minflok *3rd party fire and theft*.Accedew ghand

Untours Insurance Agency, precizament ghand Keith Richard Schembri biex isir il-bdil necessarju fil-kopertura tal-assigurazzjoni. Elton Cauchi kien halla *cheque* ffirmat minnu izda minghajr l-ammont ndikat, ghaliex kien hemm hsara fil-komputer tas-socjeta' intimata.

Illi Elton Cauchi kien rega cempel lil Schembri wara xi jiem ghaliex id-dokumenti tal-*insurance* kienu ghadhom ma wasslux, u Keith Richard Schembri kkonferma li kollox kien sew. Di piu' kien cempillu ukoll Joseph Cauchi u Schembri rega kkonferma li kollox kien regolari.

Fis-17 ta' Lulju 2011, Elton Cauchi kien involut f'incident stradali ikrah, tant illi l-karozza spiccat *beyond economical repair*. L-ghada 18 ta' Lulju 2011, l-attur mar ghand s-socjeta' intimata jaghmel il-*claim* u hallas l-*excess*. Ftit wara Keith Schembri informah li l-kopertura *fully comprehensive* kellha tibda mill-1 t'Awwissu 2011.

Joseph Cauchi xhed li dan kien inkorett ghal kollox 'l ghaliex l-polza *3rd party fire and theft* kienet skadiet fl-ahhar ta' Gunju 2011.

Schembri kien offrielhu li jirrimborza s-somma tal-*premium* mhallas minn Elton Cauchi izda Joseph Cauchi rrifjuta.

Kien kellem lill-avukat difensur tas-socjeta'intimata li baqa' jishaq li l-kopertura kellha tibda mill-1 t'Awwissu 2011.

Cauchi xhed li jekk sar zball mis-socjeta' intimata, ma kellux jhallas ghalih hu jew ibnu.

Joseph Cauchi xhed illi huwa kien ilu jahdem mas-socjeta' intimata ghal diversi snin, u kellu numru ta' vetturi assikurati maghha u qatt ma kien rriskontra problemi. Di fatti ta' spiss kien jsir ir-renovazzjoni tal-*insurance* billi kien jigi Schembri fil-hanut tal-attur, u jigbor il-hlas tal-premii. Joseph Cauchi xhed illi meta kien qed jigbor d-dokumenti ghal kawza odjerna, sab illi d-data ta' *cheque* kienet 18 ta' Lulju 2011- Huwa enfasizza li c-*cheque* koncernat kien inkiteb minn Keith Schembru stess.

Elton Cauchi a fol. 52 kkonferma l-affidavit ta' missieru Joseph Cauchi, u cioe' li mar fil-bidu ta' Gunju 2011, ghal bdil ta' kopertura f'wahda *comprehensive* fuq Renault Megane FBV-872

targa Galaxy E; li l-kopertura kellha tibda minn l-1 ta'Lulju 2011; li kien hemm hsara fil-komputer u halla *cheque* ffirmat imma vojt; kien hemm relazzjoni ta' fiducja ceka bejn il-kontendenti li kienu ilhom jahdmu flimkien; li cempel lil Schembri li serrahlu rasu; li missieru kien kellem ukoll lil Schembri; li kellu l-incident fis-17 ta' Lulju 2011 u l-vettura giet rmonkata sal-*garage* tal-attur fejn ghada hemm sal-gurnata tal-llum; li missieru ghamel *claim* fit-18 ta' Lulju 2011 u gie rinfaccjat bir-risposta li l-kopertura kellha tibda mill-1 t'Awwissu 2011.

Ivan Buttigieg a fol. 64, CEO tas-socjeta' intimata, ikkonferma li huwa dahal fil-kariga f'Dicembru 2012. Huwa ezebixxa Dok UI1, UI2 u UI3.

Keith Schembri a fol. 92 et seq. *Claims Officer* u *underwriter* mas-socjeta' intimata xhed illi kien ilu jahdem mas-socjeta' intimata f'din il-kariga ghal hdax –il sena.

Schembri xhed illi t-tigdid tal-vetturi u *insurance* kien jsir billi hu jmur il-hanut tal-attur Joseph Cauchi u jithallas tal-premii. Schembri jinnega li Elton Cauchi kien mar jkellmu f'Gunju 2011 u jishaq li mar jkellmu f'nofs Lulju 'l ghaliex kien waqqfu warden u qallu li l-*insurance* kienet skadiet u kellu jgeddidha. Schembri xhed illi meta ccekkja, sab illi l-*insurance* kienet tiskadi fl-ahhar ta' Lulju u kien mar ghandu biex jaqleb l-*insurance* ghal *fully comprehensive*. Infatti meta kien gie kien gibidlu l-attenzjoni li l-kopertura *fully comprehensive* kienet ser tibda fl-1 t'Awwissu.

Meta l-attur kien informa lis-socjeta' intimata bil-kollizjoni u l-hsarat, Schembri informah li kien ghadu fil-hin biex jikkancella l-polza li kienet tibda fl-1 t'Awwissu 2011.

**Schembri xhed li ma ftakarx jekk kienx kiteb c-*cheque* hu stess.** Schembri ikkonferma li l-ewwel *insurance* fuq il-karozza kienet **8 ta' Gunju 2010** b'*third part fire and theft* u **tiskadi** fil-**21 ta' Lulju 2011.**

Schembri xhed illi l-premium ta' *third party fire and theft* €834 waqt li dik *fully comprehensive* kienet €812.17 plus il-bolla 10% u dana 'l ghaliex naqqas il-valur tal-karozza.

**Schembri baqa' jishaq li l-*insurance* kienet tiskadi fl-ahhar ta' Lulju.**

Keith Schembri a fol. 102 et seq xhed illi l-atturi dejjem hallsuh tal-premii dovuti, u dana il-hlas solitu kien jsir billi Schembri jmur il-hanut tal-attur jigbor il-hlas.

Schembri **kkonferma li l-licenzja tal-karozza tkopri l-istess perjodu tal-kopertura assigurattiva.** Schembri xhed illi **l-polza tal-assikurazzjoni fil-2010 ma setghatx tohrog** ghaliex in-numru ta' registrazzjoni kien ser jigi personalizzat cioe bil-pjanci Galaxy E. Illi **kien ghalhekk li assigura li l-licenzja tiskadi l-ahhar ta' Lulju u dan skond l-informazzjoni moghti mill-ADT.**

Huwa stqarr li ma kienx jaf bin-numru ta' registrazzjoni proprja tal-karozza. Mitlub jghid kif, jekk il-kopertura kienet tibda fl-1 ta' Lulju ta' kull sena, ddecieda li l-kopertura ta' *fully comprehensive* kienet tibda fl-1 t'Awwissu 2011, Schembri xhed li kien hemm *endorsement* tal-pjanci tal-vettura u cioe' ta' Galaxy E li indika d-data tal-*commencement* and *expiry of Licence*, bhala 1 ta' Lulju. Schembri xhed li l-attur Elton Cauchi kien informah li l-*insurance* taghlaq fl-ahhar ta' Gunju u kien ghalhekk li gedded l-*insurance* sal-1 ta' Lulju. Mistoqsi jekk informahx (lil Cauchi) li l-*insurance coverage* kienet tibda fl-1 t'Awwissu, Schembri xhed illi ghamel dan immedjatament a fol. 110-111, u sostna li tah l-ispegazzjoni qabel l-incident.

Keith Schembri pprova pperswadi il-Qorti illi kienet minhabba l-bdil tal-pjanci li kien hemm d-dizgwid fid-dati tal-*insurance* - vide fol. 112. Schembri jghid li l-polza originali harget fl-1 ta'Lulju 2009 u l-amenda fin-numri tal-pjanca (Galaxy) saret fit-3 ta'Dicembru 2009.

Illi ghalhekk Schembri xtaq li l-licenzja tigi estiza ghall-ahhar ta' Lulju meta kienu jaghlqu l-karozzi bin-*number plates* li jibdew bl-ittra G mal-ADT.

A fol. 114 Schembri jerga' jattenta jispjega il-kwistjoni tad-dati.

Schembri xhed illi ma jiftakarx li l-karozza nxtrat minghand Kinds, u harget lesta u mghammra bin-*number plates* Galaxy E - vide fol. 115.

Gie ezebit Dok XY a fol 118 l-*endorsement /amendment* tal-*insurance policy* tas-socjeta intimata datata 3 ta' Dicembru 2009, liema document jikkontieni *date of commencement* (1 ta' Lulju 2009), u *date of expiry* (30 ta'Gunju 2010) tal-*insurance policy*.

Keith Schembri a fol. 120 et seq. ezebixxa Dok. KS1 a fol. 122 l-ewwel polza t'assigurazzjoni fuq l-istess karozza, liema dati jaqblu ma Dok. XY a fol. 118.

**Stephen Cachia a fol. 128 et seq Administrator fid-Direttorat fi Transport Malta** gie mitlub jaghmel ricerka fuq il-vettura Renault Galaxy E. Huwa sostna li din kienet registrata f'isem Joseph Cauchi 602057(M) mit-2 ta' Lulju 2009. **Il-pjanca Galaxy E giet mahruga fuq din il-vettura fl-istess gurnata tat-2 ta' Lulju 2009.**

Il-pjanci gew ritornati fit-28 ta' Gunju 2012 meta l-vettura giet ggaraxxjata. Huwa ezebixxa Dok SC a fol. 129, li tikkontieni d-dettalji u partikoli kollha tal-vettura. **Huwa rega kkonferma li l-vettura giet registrata u nhargu il-pjanci Galaxy E fl-istess gurnata fit-2 ta' Lulju 2009.**

Mario Xuereb a fol. 134 et seq. General Manager ta' Auto Sales Limited (Kinds) kkonferma illi l-vettura mertu tal-kawza inxtrat fi Frar 2009 ghal prezz ta' €26,000 *on the road*.

**Id-data tal-konsenja tal-vettura kienet 3 ta' Lulju 2009**. **Huwa ikkonferma li t-targa kienet kif xtaq l-attur, cioe' customized Galaxy E**. Ezebixxa Dok K1 sa K5 kuntratti fuq il-vettura u ricevuti tal-ADT regward il-pjanci Galaxy E.

Mario Xuereb ikkonferma illi l-vettura kienet gia inxurjata, **altrimenti ma kienitx tithalla tohrog mix-showroom a fol. 134c.**

Is-socjeta' intimata u l-intimat remettew ruhhom ghal provi li jinsabu fl-atti processwali – vide fol. 146.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi fuq prodotti johrog car daqs il-kristall illi x-xhieda attrici hija kredibbli u verosimili u hija wahda korroborata mix-xhieda ta' terzi persuni indipendenti u minn istituzzjonijiet bankarji u minn ufficjali tal-ADT. Ghal kuntrarju ta' din ix-xhieda kostanti l-

Qorti giet inrifancata b' ix-xhieda kwasi inkoerenti ta' Keith Schembri li pprova jivvinta kwalunkwe skuza biex jezimi ruhu mir-responsabilita' t'ghemilu.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex hemm provi inkontestati li l-vettura harget mix-*showroom* ta' Kinds fit-3 ta' Lulju 2009, u harget inxurjata – Vide Dok. K6 a fol. 143 u bil-pjanci Galaxy E imwahhla fuqha 'l ghaliex l-pjanci gew mhallsa fit-2 ta' Lulju 2009 – Vide Dok. K4 a fol. 141 u K5 a fol. 142.

Dan gie pienament korroborat minn Stephen Cachia tal-ADT li pprezenta id-dettalji kollha tal-vettura f'Dok SC a fol. 129 sa 134.

Di piu' hemm prova inkontroveribbli biex xhieda tal-*Amministrative Officer* tal-Banif Bank a fol. 45 et seq li konfermat li c-*cheque* tal-attur numru 354033 fl-ammont ta' €1075.50 gie depozitat fis-27 ta' Gunju 2011.

Dan kien *cheque* ghal hlas ta' *premium* ghal-karozza in kwistjoni ghal kopertura shiha komprehensiva (*fully comprehensive*).

Illi l-loghob bil-kliem li bih Keith Richard Schembri pprova jipperswadi lil Qorti li l-*insurance cover* kien jibda fl-1 t'Awwissu 2011 ma hi xejn hlief attentat pwerili biex hu u s-socjeta' intimata jizgancjaw rwiehom mir-responsabilita' u mill-hlas skond il-ligi. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex hemm provi inkontrovertibbli mill-ufficjali tal-ADT li l-*insurance cover* kienet dejjem iskadi fit-30 ta' Gunju ta' kull sena, u ma jirrizulta ebda tigdid tal-*insurance* ghal-xahar – cioe' ghax-xahar ta' Lulju 2011 mid-dokumenti ezebiti mill-ADT jew mix-xhieda tal-ufficcjali taghha Stephen Cachia.

**Il-prova kardinali li l-bdil tal-*insurance cover*** minn *thrid party fire and theft* ghal dik *fully comprehensive*, saret ferm **qabel** id-data tal-hsarat fuq il-vettura in kwistjoni, **tinstab fic-*cheque* tal-attur ghal hlas tal-*premium fully comprehensive* li gie <u>depozitat fis-27 ta' Gunju 2011</u> – Vide xhieda ta' Christina Farrugia a fol. 46. U dana minkejja id-data li Schembri ghazel li jikteb fuq c-*cheque*.**

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat l-ewwel eccezzjoni ta’ Keith Richard Schembri, fis-sens illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur u li hu dejjem agixxa ghal u fuq struzzjonijiet tas-socjeta’ intimata.

Din il-Qorti taghraf li invista tal-fatti pjuttost partikolari ta’ dan il-kaz, inkluz il-fatt illi Keith Richard Schembri accetta l-bdil tal-kopertura u l-hlas ghaliha minghajr ma dan gie immedjatament mdahhal fis-sistema kompjuterizzata tas-socjeta’ intimata, (minhabba allegat hsara tal-komputer) u aqwa minn hekk, l-fatt li l-intimat Keith Richard Schembri **ghazel li jintesta f’ismu personali**, c-*cheque* moghti in bianc minn l-attur Elton Cauchi **minflok ma intestah f’isem is-socjeta’ intimata**, jipprekludi din il-Qorti mill-tizganca lill-intimat Schembri mir-responsabilita’ personali. Ghaldaqstant tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ Keith Richard Schembri.

Jirrizulta wkoll illi l-atturi mkien ma semmew illi sehh incident tat-traffiku, izda sostnew li kien sehh incident stradali illi wassal ghal hsarat tant estensivi li l-karozza spiccat *beyond economical repair* – vide Dok. B a fol. 7 sa 13.

Ghar-rigward tal-ecezzjonijiet ulterjuri tal-intimati li huma bbazati fuq il-fatti tal-kawza, dawn gia gew konsiderati minn din il-Qorti

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-quantum tad-danni sofferti. Huwa mifhum li b’kopertura komprensiva t’assigurazzjoni, l-assigurat jiehu lura l-valur tal-vettura assigurata, liema valur huwa soggett ghal *depreciation*.

Il-Qorti taghraf li l-vettura kienet tiswa €26,000 u ghalhekk jrid jitnaqqas 10 % *depreciation* ghal kull sena :

| | | |
|---|---|---|
| 2009-2010 | 26,000- | |
| | 2,600 | 10% *depreciation* |
| 2010-2011 | 23,400 – | |
| | 2,340 | 10% *depreciation* |

**21,060 Total**

Illi ghalhekk id-danni sofferti mill-atturi kawza tan-nuqqas ta’ kopertura *fully comprehensive* b’tort tal-intimat u s-socjeta’ intimata jammontaw ghal wiehed u ghoxrin elf, u sittin Ewro (€21,060).

Ghal dawn il-mottvi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet ta’ Untours Insurance Agents Limited C5655 u tal-intimat Keith Richard Schembri; tilqa t-talbiet tal-atturi billi:

Tiddikjara illi fil-bidu ta’ Gunju 2011 ir-rikorrenti taw struzzjonijiet lis-socjeta’ intimata sabiex jassikuraw *fully comprehensive* il-vettura taghhom FBV 872 –GALAXY E liema istruzzjonijiet gew accettati mis-socjeta’ intimata u intalab il-*premium* relattiv.

Tiddikjara illi il-vettura de quo ma kienitx assigurata *fully comprehensive* fil-jum tal-incident stradali imsemmi htija tal-intimati.

Tiddikjara lill-intimati, responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti b’rizultat tal-fatt li fil-mument tal-incident stradali de quo il-vettura imsemmija ma kienitx assikurata *fully comprehensive*.

Tillikwida id-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, u sittin Ewro (€21,060);

Tikkundanna lil-intimati solidament, ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, u sittin Ewro (€21,060) f’danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u imghax mid-data ta’ din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------